## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR MARK ANTHONY MERCIECA) V. MARIA PIA ZAMMIT (KI. 390684M)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Maria Pia Zammit ta' 40 sena, bint Alfred u Consolata xebba' Saywell iwielda Pieta', nhar it-2 ta' Awwissu 1984, residenti gewwa Azure Court, Triq is-Sghajtar, Mosta u detentriċi ta' numru ta dokument Malti 390684M (hawn imsejjaħ "l-imputat") li tressqet taħt arrest quddiemha fis-seduta tal-lum 3 ta' Mejju 2025 mixlija li nhar it-2 ta' Mejju 2025 u anke matul il-ġimgħat u/jew jiem ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. **Naqset milli tħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), b'digriet mghoti mill- Magistrat Dr. G. Camilleri Busuttil LLD datat nhar il-21 ta' Marzu 2024 li permezz tieghu hija ngħatat il-ħelsien minn l-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;**

2. **Naqset milli tħares xi waħda, w/jew iktar minn waħda, mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti Kriminali, b'digriet mgħoti mill- Imħallef Dr. Aaron Bugeja LLD datat nhar is-26 ta' Lulju 2023 li permezz tiegħu hija ngħatat il-ħelsien minn l-arrest taħt diversi kundizzjonijiet;**

wara li rat li hija ġiet mitluba wkoll sabiex f'każ ta' ħtija, tordna r-revoka tal-ħelsien mill-arrest mogħti permezz tad-digrieti fuq imsemmija, u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imputata;

wara li rat li fis-seduta tal-lum 3 ta' Mejju 2025, għall-mistoqsija tal-Qorti dwar jekk tixtieqx twieġeb dwar il-ħtija *o meno* tagħha, l-imputata wieġbet li hija ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha,

wara li rat illi l-Qorti ppostponiet il-kawża għal ftit minuti sabiex l-imputata tikkonsulta l-avukat tagħha u terġa taħsibha,

wara rat li meta reġgħet issejħet il-kawża  l-imputata reġgħet wieġbet li hija inkondizzjonatament ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha,

wara li semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena,

wara li rat l-atti kollha proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

**Il-Qorti tqis illi l-imputata kisret b'mod sfaċċat il-kundizzjonijiet relatati mal-ħelsien mill-arrest tagħha meta minkejja li hija obbligata li tiffirma l-Għassa tal-Mosta kuljum skont iż-żewġ digrieti ta' ħelsien mill-arrest imsemmija fl-att tal-komparixxi, hija naqset milli tagħmel dan għal dan l-aħħar tlett ġimgħat (ossia mill-14 ta' Marzu 2025).**

**Il-Qorti qieset dak li ħareġ mit-trattazzjoni dwar il-piena fis-sens illi l-imputata ġiet reġistrata biex tibda programm residenzjali ta' rijabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga offrut mill-Fondazzjoni OASI.**

**Fiċ-ċirkustanzi il-Qorti tara li minkejja li l-imputata tinsab fix-xifer u donnha trid tagħmel minn kollox biex tarmi l-opportunitajiet li qed tingħata biex tibdel it-triq, m'għandiex tkun l-istess Qorti li ssabbtilha l-bieb f'wiċċha permezz ta' piena karċerarja, liema piena tkun tfisser illi l-imputata titlef l-opportunita' illi tibda l-programm imsemmi.**

**Għalhekk il-Qorti ser tagħżel illi ma tirrevokax id-digrieti imsemmija għalkemm ser timponi multa u ser tordna l-konfiska ta' parti mill-ammont depożitati apparti li ser torbot ukoll lill-imputata b'Ordni ta' Trattament.**

**Fid-dawl ta' tali stqarrija ta' ħtija inkondizzjonata imtennija l-Qorti wara li rat l-artikolu rilevanti tal-liġi u ċioe l-579 tal-Kap. 9 issib lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontriha u timmultaha s-somma ta' mitt euro (€100). Il-Qorti qed tordna ukoll li tiġi kkonfiskata favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' ħames mitt euro (€ 500) depożitata bħala parti mill-garanzija imposta permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil LL.D fil-21 ta' Marzu 2024.**

**Inoltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament għal tlett snin u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni sabiex tkun tista' tiġi mgħejjuna tegħleb il-vizzju tad-droga. L-ordni hija suġġetta għal numru ta' kundizzjonijiet elenkati fiha. Il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni u l-konsegwenzi legali jekk tonqos milli tikkonforma ruħha mal-kundizzjonijiet relattivi.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |

## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## IL-PULIZIJA (SPETTUR MARK ANTHONY MERCIECA) V. MARIA PIA ZAMMIT (KI. 390684M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**3 ta' Mejju 2025**

IL-QORTI,

wara li rat li fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Mejju 2025 hija ordnat *inter alia* ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li l-ħatja titpoġġa taħt Ordni ta' trattament u dan wara li kkunsidrat li jkun xieraq li ssir din l-ordni ta' Trattament sabiex il-ħatja tkun tista' tiġi mgħejjuna tegħleb il-vizzju tad-droga,

wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u l-konsegwenzi jekk tonqos li tħares jew milli tikkonforma ruħha ma' xi rekwiżit jew kondizzjoni tal-ordni sakemm din l-Ordni tkun fis-seħħ,

qed tagħti din l-

### Ordni ta' Trattament

taħt il-kundizzjonijiet segwenti:

1. L-Ordni hija għall-perjodu ta' **tlett (3) snin** mil-lum.

2. Qabel xejn il-Qorti tordna illi l-ħatja tiġi ttrasferita mmedjatament ġewwa d-*Drugs Dependency Unit* fl-Isptar Monte Karmeli sabiex minn hemm tiġi eventwalment trasferita għall-Fondazzjoni OASI fejn għandha **tibda u ttemm b'suċċess** il-programm residenzjali msemmi fis-sentenza.

3. It-Trattament ser ikun sabiex il-ħatja tiġi mgħejjuna tegħleb il-vizzju tad-droga taħt id-direttivi ta' persuna kwalifikata, skont kif l-Uffiċjal tal-Probation maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħatja.

4. Matul il-perjodu tal-Ordni ta’ Trattament, l-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal Sorveljanti u tal-Esperti li lilhom tista’ tiġi riferuta il-ħatja żżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni.

5. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta’ din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole

**V.G. Axiak** **Y. M. Pace**

**Maġistrat** **Dep. Reġistratur**